**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 56**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis, 16 ta'Marzu 2023 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Viċi Sindku Donnha Barbara talbet li tkun skużata minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill approva l-apoloġija ppreżentata.

## 56.1 Skeda ta' Ħlasijiet

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2023.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda.

Il-Kunsillier Daniel Ablett issekonda.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2023.

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li nżammet laqgħa mal-Infrastructure Malta, ġejna nfurmati li għas-sena 2023 se jinbeda xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Ħarifa, Parti minn Triq id-Deheb Fin, Triq id-Dielja u parti minn Triq ix-Xitwa. Is-Sindku nfurma li malli jitlesta dan ix-xogħol se jinbeda x-xogħol fuq Triq l-20 ta' Jannar u Triq San Sebastjan.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill Lokali ġie nfurmat li wara li tressqet applikazzjoni mir-Reġjun Nofsinhar, se jingħata fondi minn Transport Malta sabiex isir proġett pilota taħt l-iSkema 'Implementation of Active Mobility or Citizen Engagement Measures by Local Councils'. Dan il-proġett bl-isem Green Mobility within and beyond the Qormi Retail Centre, se jkun qed jinvolvi x-xiri ta' 2 vetturi elettrici li jaħdmu bis-sistema solari. Dawn il-vetturi zghar magħrufa bħala tricycles se jinxtraw bil-għan li joffri servizz lill-komunita' sabiex ikun possibli għalihom jagħmlu l-qadi tagħhom. B'hekk ikun qed jitnaqqas it-traffiku miċ-ċentru tal-lokalita'. Għal dan il-proġett il-Kunsill ingħata € 20,000.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma bħalma kulħadd ra fuq il-medja soċjali, s-sitwazzjoni fil-letrini pubbliċi mhux sodisfaċenti. Mill-informazzjoni mogħtija mill-Contract Manager, il-Kunsill ilu ġimgħat jiġri wara l-kuntrattur responsabbli mil-letrini sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa. Sadanittant il-Kuntrattur kellu l-wiċċ jibgħat korrispondenza permezz tal-avukat tiegħu dwar il-problema ta' ħlasijiet li għandna miegħu u saħansitra heddidna li se jdaħħalna l-Qorti. Fl-aħħar laqgħa konna ddeċidejna li nitolbu direzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ir-Revolut Account u d-Direttur infurmatna li pagamenti fuq Revolut ma jistgħux jiġu aċċettati. Fl-1 ta' Marzu, s-Segretarju Eżekuttiv marret hi personalment tagħmel site inspection fil-letrini u sabet diżastru u kien għalhekk li ħarġet default notice għal bosta nuqqasijiet.

Is-Sindku ppropona li terġa' tinħareġ default notice u jiġi tterminat il-Kuntratt b'mod immedjat, għall-fatt li l-Kuntrattur mhux jonora l-kuntratt.

Il-Kunsill approva li jiġi tterminat il-Kuntratt b'mod immedjat.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li r-Reġjun Nofsinhar niedha skema għall-manutenzjoni tal-letrini, għaldaqstant fid-dawl tas-sitwazzjoni li għandu quddiemu l-Kunsill, jipproponi li japplika għall-iskema, fejn jipproponi li ssir sistema elettronika fid-dħul u l-ħruġ mil-letrina pubblika.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li aktar kmieni din il-ġimgħa deher kumment fuq il-medja soċjali minn Dr Arnold Cassola dwar is-sitwazzjoni tal-playingfield ta' Pjazza Federico Maempel. Is-Sindku nfurma li s-Segretarju Eżekuttiv, fl-14 ta' Frar għaddiet korrispondenza elettronika lill-Onorevoli Silvio Schembri sabiex jivverifika ma INDIS x'ġara mill-proġett. Il-Ministru wieġeb li "Wara diskussjoni ma diversi stakeholders daħlu xi emendi fil-pjanti sabiex naraw li l-progett jkun wiehed iktar inklussiv pero dan ma jnehhix mir-responsabilita tal-Kunsill li jaghmel manteniment taz-zona sabiex t-tfal qriema ma jibqghux fil-periklu kif qeghda tghid int. Ghalhekk jekk hemm xi periklu l-Kunsill ghandu jara li dan jitnehha mil-aktar fis." Il-Kunsill qatt ma ħarab mir-responsabbiltajiet tiegħu anzi baqa jara li jżomm fi stat tajjeb ta' ndafa din il-playingfield u l-playing equipment li kien ta' periklu dejjem tneħħa fil-ħin. Iżda l-Kunsill ma jistax jinvesti f'tagħmir ġdid meta hemm proġett ippjanat.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li kellu laqgħa mas-supplier tal-playing equipment dwar il-playingfields ta' Fuq Tal-Blat u Ġnien Tumas Fenech, fejn ġie magħżul il-playing equipment u r-rubber flooring. Għada għandna l-aħħar meeting mas-supplier sabiex nifthemu fuq l-aħħar irqaqat u jinbeda x-xogħol minnufih.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li t-tender għax-xogħlijiet fi Ġnien iż-Żgħożija għalqet u ġiet evalwata. Is-Sindku nfurma li ntegħu żewġ offerti li kienu technically compliant u l-oħros offerta ġiet mogħtija l-kuntratt. Bħala spiża, se tkun ta' € 49,780.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li qed naħdmu fuq it-tender għat-tibdil tar-rubber flooring u nstallar ta' playhouse u xi playing equipment fi Ġnien de la Cruz. Is-Sindku qal li ma jistax ikun li l-Kunsill jibqa' jistenna lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġi mġedded il-kuntratt tad-devoluzzjoni, meta l-Kunsill huwa legalment responsabbli miż-żamma fi stat tajjeb tal-playingfields. Is-Sindku nfurma li bħalissa qed issir manutenzjoni tal-bankijiet, se jinbidlu l-bins u qed nistennew stima fuq fanali ġodda, għaliex

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma lill-membri li l-Kunsill ġie mistieden għal laqgħa mas-Steve Ellul, CEO ta' Projects Green stedinna nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu. Għal din il-laqgħa ġie mistieden ukoll il-Perit William Lewis.

**Skemi maħruġa għall-Kunsilli Lokali – l-Ewwel parti**

Is-Sindku nfurma li aktar mkieni din il-ġimgħa ġew varati numru ta' skemi;

(a) Attivitajiet Kulturali
(b) Manutenzjoni tal-Libreriji
(c) Clean up the world campaign

Is-Sindku nfurma li l-Kunsill jrid jiddeċiedi x'attivitajiet se nkun qed japplika għalihom. Is-Segretarju Eżekuttiv pproponiet li l-Kunsill japplika għall-attivita' Kulturali f'Ottubru, fuq l-istess bażi li saret taċ-*choo-choo train* jew attivita' tal-Milied. Il-Kunsill ġie nfurmat li attivita' waħda biss se tiġi magħżula għaliex il-*budget* huwa wieħed minimu, din is-sena.

Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema u qabel li japplika għal Christmas Village, liema attivita' għandha tinżamm fil-pjazza ta' quddiem il-Kunsill Lokali.

Rigward l-iskema Clean up the world campaing, il-Kunsill jista' jorganizza Clean up day u jqassam avviżi ta' nformazzjoni lir-residenti u sidien tal-ħwienet dwar is-servizz tal-ġbir tal-iskart.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill irċieva l-ewwel invoice relatata mal-ġbir tal-iskart. Fil-fatt l-ispiża ġiet tammonta € 24,304. Dan jinkludi l-ħlas ta' ġbir tal-borża s-sewda li ġie jammonta għal € 8,387.84 u l-kumplament tipping fees. Is-Sindku qal li meta wieħed jikkumpara l-ammonti tat-tipping fees se jara li sal-aħħar tas-sena li għaddiet konna nħallsu medja ta' € 9,800 f'tipping fees u issa l-Kunsill kellu żieda ta' ftit aktar minn € 6,000. Is-Sindku qal li dan ifisser li l-Kunsill se jkollu spiża addizzjonali ta' € 72,000. Saret diskussjoni bejn il-membri dwar dawn l-ispejjeż addizzjonali u ġie maqbul li tintbagħat korrispondenza lill-Assoċjazjzoni għall-Kunsilli Lokali sabiex naraw hux se ssir ħidma sabiex tiżdied l-allokazzjoni.

**Laqgħa tal-Lokalita**

Is-Sindku ppropona li l-laqgħa tal-lokalita’ tinżamm fl-20 t’April fis-Sede tal-Għaqda Mużikali Anici.

Il-Kunsill approva.

Ġieħ Ħal Qormi 2023

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li dawn il-persuni jingħataw Rikonoxximent għall-ħidma tagħhom f’Ħal Qormi;

**JUM HAL QORMI 2023**

| | |
|---|---|
| **Gieh Hal Qormi 2023** | Mro. Archibald Mizzi |
| **Sports** | Conrad Puli |
| | Kurt Farrugia |
| **Kultura** | Tano Vella |
| **Servizz lill-Komunita** | RICHMOND FOUNDATION |
| **Sehem fl-Ghaqdiet** | Gilmour Fenech |
| | George Fenech |
| | Joseph Meli |
| | Godwin Pace |
| | Ivan Pace |
| | Catriel Farrugia |
| | Keith Vella |
| | Ian Sultana |

Il-Kunsill approva unanimament il-lista ppreżentatha.

**Attivitajiet f'Ħal Qormi**

**The Qormi Food Festival**

Is-Sindku nfurma li fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi se jiġi organizzat the Qormi Foodfestival nhar il-Ħadd 27 ta' Mejju. Is-Sindku ppropona li jiġu allokati € 5000 għal din l-attivita'.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**Festa tal-Għana**

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** infurma li l-Qormi FC jixtiequ jorganizzaw festa tal-għana bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, fi Triq il-Belt Valletta, quddiem il-football grounds.

Il-Kunsill approva din l-attivita'b'budget ta' € 3000

**Premju INT 2023**

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li nhar il-Ġimgħa 21 t'April se tinżamm is-Serata Premju INT, taħt il-patroċinju tal-ET il-President ta' Malta.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-7.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 20 ta' April 2023 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum 20 ta' April 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr)<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |